MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 2388/2002

**Anna Wismayer**

**Vs**

**C. Fino & Sons Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi li kien gie prezentat fl-1 ta Ottubru 2002 fejn l-attrici tablet li tithallas mis-socjeta konvenuta s-somma ta elf tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1,375.30) rapprezentanti prezz ta xoghol ta advertising debitament esekwit fuq istanza tal-istess socjeta konvenuta.
Bl-ispejjes inkluzi dawk ta l-ittri ufficcjali datata Ottubru 2000 u bl-interessi legali kontra l-istess socjeta konvenuta.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 21 ta Novembru 2002 fejn eccepiet in linea preliminarja n-

nuqqas ta relazzjoni guridika bejn il-partijiet u kwindi talbet li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju u fit-tieni lok li l-ammont pretiz ma hux fil-fatt dovut lill-attrici.

Ra x-xhieda tal-attrici u ezamina d-dokumenti minnha esebiti

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal diversament presjedut datata 16 ta Settembru 2003;

Gie notat li s-socjeta konvenuta kienet giet notifikata bir-riappuntament ta dina l-kawza fis-6 ta April 2004;

Ra s-sentenza moghtija minn dan it-Tribunal datata 24 ta Frar 2006 li biha giet michuda l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta u ordnat il-prosegwiment tal-kawza billi s-socjeta konvenuta kellha ggib il-provi taghha fuq il-meritu;

Ra n-nota tal-mistoqsijiet tal-attrici sabiex id-dirigenti tas-socjeta’ konvenuta iwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta konvenuta, id-dirigenti taghha naqsu u ma deherux la fis-seduta tal-24 ta’ Mejju 2006, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluz id-dokumenti esebiti u x-xhieda moghtija mill-istess attrici.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lill-attrici s-somma mitluba ta’ elf tliet mija u hamsa u sebghin lira Maltin u tletin centezmu (Lm1375.30) bl-imghaxijiet legali dekorribbli mid-data tan-notifika ta  dan l-avviz u bl-ispejjes ta’ dina l-istanza a karigu tal-istess socjeta konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------